# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 7 TA' FRAR, 2001

*Avviz. Nru 1506/00 AJD*

Joseph Micallef

vs

Nazzareno Bonello

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tmienja u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm198.50) rappresentanti 'overtime' u 'leave', dovuti minn meta l-attur kien jahdem mal-konvenut. Il-Qorti tal-Magistrati fis-sede kriminali ikkundannat lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u tmienja u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm198.50), izda l-attur baqa' ma thallasx.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-
Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjes kontra l-istess attur.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kieku l-attur kellu sentenza valida ma kienx ikun necessarju li ssir il-kawza kif qed jigi propost mill-attur.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lilu.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li l-konvenut naqas milli jressaq provi in sostenn tar-risposta tieghu u dan nonostante l-fatt li s-seduta tas-17 ta' Jannar, 2001, kienet intiza sabiex jinstemghu il-provi tieghu.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mija u tmienja u disghin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm198.50).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR